**15 Mejju 2007**

**STQARRIJA GHALL-ISTAMPA U X-XANDIR**

**Cittadinanza Maltija ghat-Tieni Generazzjoni ta` Maltin imweldin barra minn Malta**

**Il-Vici Prim Ministru Tonio Borg habbar li gew ippublikati emendi importanti fil-Ligi dwar ic-Cittadinanza Maltija. Dawn l-emendi ser jolqtu principalment lil persuni tat-tieni generazzjoni li twieldu barra minn Malta li l-genituri taghhom twieldu barra minn Malta ukoll.**

**Tonio Borg spjega li ghar-rigward min jitwieled barra minn Malta, sa mill-1964, il-ligi dejjem illimitat l-ghoti tac-cittadinanza Maltija lill-ewwel generazzjoni ta' persuni li twieldu barra minn Malta cioe dawk li xi genitur taghhom twieled Malta.**

**Issa bl-emendi il-godda anki dawk li twieldu barra minn Malta u li l-genituri taghhom, *ghalkemm Maltin ma twieldux Malta*, ser ikunu jistghu jiehdu c-cittadinanza Maltija kif ukoll passaport Malti, jekk jiddeciedu li japplikaw.**

**Din ir-riforma ser issir wara t-talba ta' ghadd kbir ta' emigranti Maltin li jghixu f'pajjizi differenti**

**Ghal darb'ohra ser ikun il-Gvern prezenti li jilliberalizza il-ligi at cittadinanza favur persuni ta' nisel Malti . Dawn l-emendi japplikaw ukoll ghal kull min jirnexxilu <u>jipprova illi xi axxendent tieghu twieled Malta minn genitur li twieled Malta.</u>**

**B`hekk jekk issir prova ta` dan, anki l-persuni ta` nisel Malti li stabbilew ruhhom fl-imghoddi f`postjiet bhal Lixandra, ikunu jistghu japplikaw ghal cittadinanza Maltija**

**Il-Vici Prim Ministru qal li l-ewwel riforma kienet saret fl-1989 meta giet introdotta c-cittadinanza doppja ghall-emigranti Maltin li twieldu Malta u li emigraw u allura tilfu c-cittadinazna Maltija hekk kif kisbu n-nazzjonalita tal-pajjiz fejn emigraw.**

**Fis-sena 2000 saret it-tieni riforma meta c-cittadinanza doppja ma baqghetx marbuta ma' l-emigrazzjoni jew mal-fatt jekk persuna twielditx Malta jew le, izda inghatat lill-persuni kollha li xi darba kellhom mat-twelid ic-cittadinanza. Bl-introduzzjoni tac-cittadinanza doppja ghal kulhadd tnehhiet ir-regola li z-zghazagh**

**taghna kellhom, fl-eta ta' 18 sa 19 il-sena, jaghzlu jzommux ic-cittadinanza Maltija jew dig barranija. Minn dik is-sena kien sar possibbli li jzommu z-zewg cittadinanzi.**

**B'din it-tielet riforma tal-2007 li qed tithabbar illum ser tigi estiza c-cittadinanza Maltija li tieni generazzjoni ta Maltin imweldin barra minn Malta. Anzi din ic-cittadinanza testendi anki ghal generazzjonijiet sussegwenti jigifieri t-tielet u r-raba` generazzjoni ecc basta l-axxendent ta` min japplika ikun sar Malti hu wkoll.**

**Bidla ohra li ser issir hi li dawk li twieldu barra minn Malta qabel l-1964 u li missierhom hu, jew kien, barrani u ommhom biss hi jew kienet Maltija. Sal-lum dawn ma kienux jitqiesu bhala cittadini Maltin. Issa ser titnehha l-anomalija li jekk persuna twieldet barra minn Malta qabel l-1964 minn missier Malti issir Maltija izda jekk l-omm hija Maltija ma setghetx takkwista c-cittadinanza Maltija hlief wara li tigi toqghod Malta. B'hekk mhux ser tibqa ssir distinzjoni bejn missier u omm, basta wiehed mill-genituri kien sar cittadin Malti. Ghalhekk dawk kollha li twieldu barra minn Malta qabel l-Indipendenza minn omm Maltija ser ikunu ukoll jiksbu c-cittadinanza Maltija malli japplikaw ghaliha.**

**Id-dibattitu fil-Parlament dwar dawn l-emendi se jibda nhar it-Tnejn 15 ta` Mejju 2007.**

**Minn mindu gew introdotti r-riformi tal-1989 u l-2000 kien hemm 12,250 persuna ta' nisel Malti li kisbu zewg cittadinanzi.**

**Il-Vici Prim Ministru Tonio Borg ghalaq billi qal li jinsab konvint li b'dawn ir-riformi l-emigranti Maltin li dejjem zammew hajja fihom l-inhabba lejn pajjizhom, ihossu li Malta qed tirikonoxxi drittijiet godda b'gharfien ghal din ir-rabta li huma zammew hajja.**